MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 535/1987/1

**Carmel CUTAJAR**

**v.**

**Josephine CUTAJAR**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-15 ta' Lulju, 1987 li permezz tiegħu l-appellant, allura attur, kien ippremetta u talab hekk:

"Peress li l-kontendenti zzewgu fil-21 ta' April 1974, kif jidher mic-certifikat taz-zwieg (Dok. A)."

"Peress li l-kunsens ta' l-attur inkiseb bi vjolenza morali u biza' kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza."

"Peress li l-kunsens ta' l-attur inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga."

"Peress li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;"

"U peress li l-attur huwa impotenti, liema impotenza hija assoluta u kienet tezisti qabel iz-zwieg kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza."

"U peress li ghalhekk iz-zwieg tal-kontendenti hu null u bla effett a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(a)(d) u (e) ta' l-Att taz-Zwieg tal-1975."

"Tghid il-konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi (1) ma ghandhiex din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fil-21 ta' April 1974, hu null u bla effett a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(a)(d) u (e) ta' l-Att taz-Zwieg tal-1975, ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta; (2) konsegwentement tiddikjara li ma japplikawx favur l-konvenuta s-subartikoli (3) u (5) ta' l-Artikolu 20 ta' l-istess Att taz-Zwieg tal-1975."

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ingunta minn issa ghas-subizzjoni."

Rat in-Nota ta’ l-Eċċezzjonijiet imressqa fil-11 ta’ Awissu, 1987 li biha l-konvenuta eċċepiet li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress li mhu minnu xejn dak li qed jiġi allegat fiċ-

ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni; u rriservat li tippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet ġuramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ottubru 2005 li in forza tagħha iddeċidiet il-kawża fis-sens billi l-laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u ċaħdet it-talba attriċi stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet mogħtija fis-sentenza;  bl-ispejjeż kontra l-appellant, allura attur; u dana wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-attur qed jitlob li z-zwieg celebrat fil-21 ta' April 1974 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (a), (c), (d) u (e) ta' l-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**."

"Illi **l-artikolu 19 (1) (a) (c), (d) u (e) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**"Artikolu 19 (1*)*** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(a)****"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'";*

***(c)****"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga";*

***(d)****"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

***(e)*** *"jekk xi wahda mill-partijiet jkun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg".*

"Illi **l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'."

"Illi din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Lorenza *sive* Laura Muscat xebba Borg vs Av. Dr. Paul Micallef u P.L. John Privitera noe."** (Prim' Awla - 17 ta' Frar 1988), qalet illi sabiex zwieg ikun invalidat fuq din il-premessa, u cjoe' **artikolu 19 (1) (a)**, il-biza' jrid jkun ta' certu gravita', pero' jista' jkun assolut jew relattiv. Il-biza' tkun assoluta meta tkun tant gravi illi ggieghel bniedem normali jibza' tant illi jidhol fiz-zwieg kontra l-volonta` tieghu. Ezempji ta' dan hu meta jkun hemm theddid ta' qtil. Il-biza' tkun relattiva meta tkun tali li jekk imposta fuq persuna timida jirrizulta f'biza' li hija relattivament gravi u dan ghaliex kollox jiddependi fuq il-karattru tal-istess persuna."

"Illi fil-kaz **"Tanya Curmi vs Charles Curmi**, (Prim' Awla tal-Qorti Civili deciza fit-18 ta' Mejju 1988), inghad li *"in order to be considered as a vice of consent, regard must be had not only to the gravity of such fear, but also to the character and condition of the person subjected to the fear".*

"Illi pero', kif isostnu l-awturi ***L. Wrenn***, u ***Brown R.*** *"there must also be some objective gravity that is at least prudently feared."* Ghalkemm wiehed irid iqis biza' b'mod soggettiv, ma jistax jigi minsi l-aspett oggettiv tal-gravita' tal-biza' li dejjem fl-ahhar mill-ahhar ghandu jittiehed bhala test decisiv."

"Illi sabiex wiehed jasal ghal definizzjoni ta' biza' xieraq li wiehed jirreferi ghal dak li gie msemmi fid-decizjoni **"Mary Lourdes Spiteri vs Christian *sive* Cristino Spiteri",** P.A. (F.D.) fis-6 ta' Lulju 1993), fejn f'dik is-sentenza gie ritenut li:-

*"“Ghal dak li jirrigwarda l-biza’ din tista’ tigi definita fi trepidazzjoni jew eccitament kbir fil-mohh li jigi kawzat minn xi ncident jew haga kemm ta’ dak il-hin, kemm minn haga li tista’ tigri fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta’ min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qieghed jigrilu jew dak li jista’ jigrilu”.*

"Illi fil-kawza **“B Drew xebba Cutajar vs Dr. Thomas Abela u P.L. Charles Vassallo noe.”** (P.A. (F.D.) fit-12 ta’ Marzu 1992), il-Qorti ddefiniet biza’ bhala *“dik l-offiza li titwettaq kontra l-liberta’, hekk li, precizament minhabba din il-biza’, ‘quis cogatur ad contrahendum matrimonium”.*

"Illi fis-sentenza **“Mary mart Gaetano Bilocca vs Gaetano Bilocca”,** (P.A. (F.D. – 16 ta’ Mejju 1990) il-Qorti qalet illi biza’ hija *“the effect, which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse”.*

"Illi l-istess inghad fil-kawza **“Joseph D’Ugo vs Rita D’Ugo”** (P.A. (F.D.) – 28 ta’ Gunju 1994), fejn gie soffermat li:-

*"“Il-biza’ tirrizulta minn tliet elementi. Fl-ewwel lok, trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li qed jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok, il-biza’ trid tkun il-mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid”.*

"Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** dan jipprovdi li hemm kaz ta’ annullament taz-zwieg jekk il-kunsens ta’ wiehed mill-partijiet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga."

"Illi l-**artikolu 19 (1) (c)** jghid li zwieg ikun null *“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga”.* Dina d-dispozizzjoni hi kwazi identika fil-formulazzjoni taghha ghall-**Canone 1098**

**tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** vigenti u hu evidenti li d-dispozizzjoni fil-ligi taghna giet ispirata mill-istudji preparatorji u mill-abbozzi tal-Kodici Kanoniku gja' ezistenti fl-1981, cjoe' qabel ma l-imsemmi Kodici gie effettivament promulgat. Kif din il-Qorti diversament presjeduta kellha okkazjoni li tikkummenta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, l-**artikolu 23 tal-Kap. 255** ma huwiex ta' ostakolu li ssir referenza ghad-dottrina u l-gurisprudenza kanonika bhala fonti ta', u ghajnuna ghall-interpretazzjoni tad-dispozizzjoni in ezami, u dan bhalma l-fatt li ligijiet ta' pajjizi ohra ma humiex parti mill-ligi ta' pajjizna ma hux ta' ostakolu li ssir referenza ghal dawk il-ligijiet u ghall-gurisprudenza ta' dawk il-pajjizi ghall-finijiet ta' nterpretazzjoni tal-ligi domestika."

"Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** jincidi <u>direttament</u> fuq l-intellett ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u <u>ndirettament</u> fuq il-volonta' tal-persuna ngannata. F'din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista ***Jose' Castano***:-

*""Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale <u>ex errore</u> consente. Con la particella ex vogliamo significare l'immediata causalita' dell' errore sul consenso. L'atto di consentire pero' e' atto entittivamente di volonta"*. ***(Il Sacremento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357)***. Dan il-qerq jista' jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *"In definittiva, quello che conta e che <u>il dolus abbia influsso nel consenso</u>, cioe' che il consenso matrimoniale provenga dall' errore doloso, senza il quale il consenso non sarebbe mai stato espresso"* (<u>op</u>. <u>cit</u>. P. 358)."

"Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina jridu jikkonkorru erba' affarijiet:-

i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;

ii) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita’ tal-parti l-ohra; u

iv) li din il-kwalita’ tkun <u>tista’</u> mix-xorta taghha tfixkel <u>serjament</u> il-hajja mizzewga."

"Illi l-attur issemmi wkoll l-**artikolu 19 (1) (d)** li jipprovdi li zwieg ikun null jekk *“vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”*."

"Illi b’difett serju ta’ diskrezzjoni, l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ mmaturita’ li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita’ shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ <u>*discretio judicii*</u> hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita’ ta’ parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

"Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta’ gudizzju tikkonsisti f’zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"“la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita’ di giudizio e la maturita’ affettiva…. La maturita’ di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all’atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita’ affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita’ che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta’ e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi’ una mancanza di consenso libero (immaturita’ affettiva) e ponderato (immaturita’ di*

*giudizio)”* ***(Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)"

"Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *“e necessaria la discrezione non tanto per l’atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l’eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita’ intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra’ ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. “……..se il soggetto non e’ in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira’ che la scelta di lui non e’ stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe’ col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa’ coniugale, sia nei rigwardi dell’ altra parte sia nei rigwardi della parole”* ***(Pompedda, MF.,*** **Incapacita’ di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233)."

"Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li:-

*"“The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring”* **(*Viladrich, P.J.*, Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993*)***, *p. 686)."*

"Illi l-**artikolu 19 (1) (e)** jikkontempla illi:-

*"“jekk xi wahda mill-partijiet ikun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg.”*

"Illi wahda mill-elementi essenzjali fiz-zwieg huwa li jkun hemm relazzjonijiet intimi bejn il-koppja mmirati ghal prokreazzjoni tat-tfal. Jekk jonqos dan l-element, ghalhekk il-ligi taz-zwieg tikkontempla li dan ghandu jwassal ghal annullament taz-zwieg, pero’ biss jekk jigu sodisfatti d-diversi kundizzjonijiet specifikati fil-ligi.

"Illi l-ligi Taljana qabel ma giet emendata kienet tipprovdi fuq dan il-punt is-segwenti:-

*"“Solo in presenza di due personalita’ di grandissimo rilievo tale fusione potrebbe essere raggiuna prescindendo dal rapporto sesswale. L’impossibilita’ della sua realizazzione importa, di regola, l’insorgere di tensioni, senz’altro contrarie all’ordinato svolgimento della convivenza e che nel migliore dei casi, danno luogo all’esistenza di un matrimonio di mera facciata.”* (***Finocchiaro***, **Enciclopedia Del Diritto, Vol. XXV**, p.814)."

"Illi l-ligi nostrana ppreferiet taddotta l-kuncett ta’ mpotenza bhala raguni ghal annullament taz-zwieg skond id-duttrina tradizzjonali taz-zwieg, u cjoe’ li l-att sesswali huwa wiehed mill-elementi essenzjali fiz-zwieg u dan kuntrarjament ghal kuncett applikat fil-ligi Franciza u l-ligi Taljana li segwew id-duttrina li l-att sesswali mmirat ghall-prokreazzjoni tat-tfal mhux element essenzjali, izda huwa wiehed mill-elementi socjali li jgib mieghu z-zwieg.

"Illi ma tezistix definizzjoni precisa tal-kelma *“impotenza”*, izda l-ligi Kanonika, kif ukoll civilisti maghrufa jiddistingwu bejn *“impotenza coeundi”* u *“impotenza generandi”.* ***Dr. Richard Galea Debono*** fit-tezi tieghu **“A Review of the Marriage Act, 1975 and its Implications”** jiddefinixxi din id-distinzjoni fis-segwenti mod:-

"*"The former referring to that part of the sexual act which depends on the active participation of the parties and referring to the stages of intromission and insemination; and the latter, which is often referred to as sterility, involving the internal and involuntary (i.e not under the will's control) biological processes which might lead to pregnancy".*

*"The purpose behind this distinction was to limit the purport of impotence to impotentia coeundi and to debar the declaration of nullity of a marriage where the party affected was not impotent, but merely sterile. Thus it is possible for the female spouse to be potent i.e capable of copulation, but sterile owing to lack of ovulation"."*

"Illi b'danakollu, l-**Att Dwar iz-Zwigijiet** ma jiddistingwix bejn *impotentia coeundi* u *impotentia generandi.* B'referenza ghal **artikolu 19 fl-Att Dwar iz-Zwigijiet** qabel ma saru l-emendi fl-1981, kien hemm dispozizzjoni *ad hoc* li kienet tirregola l-*impotentia generandi* u cjoe' l-isterilita'. Pero' din id-dispozizzjoni m'ghadhiex tezisti u ghalhekk wiehed jista' jinterpreta l-**artikolu 19 (1) (e)** fis-sens li tillimita ruhha ghal *impotentia coeundi.*

"Illi l-impotenza kif ikkontemplata fl-**artikolu 19 (1) (e)** trid tkun assoluta jew relattiva. L-impotenza hija assoluta meta l-impotenza tal-parti hija relatata ma' kwalunkwe persuna. Hija relattiva meta l-impotenza tezisti biss fil-konfront ta' parti l-ohra."

"Illi l-impotenza trid ukoll tezisti qabel iz-zwieg. F'dan il-kuntest gie stabbilit li huwa bizzejjed jekk l-impotenza tezisti mal-ewwel relazzjoni ntima bejn il-partijiet. M'huwiex rikjest li jigi ppruvat li l-parti kienet impotenti fir-relazzjonijiet sesswali tieghu qabel iz-zwieg."

**<u>"(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.</u>**

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-21 ta' April 1974 u l-attur qed isostni li l-kunsens tieghu kien akkwistat bi vjolenza morali u biza; li l-kunsens tieghu

inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenuta; billi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju,u fl-ahharnett billi l-attur kien impotenti. Fil-fatt bhala principji legali gew indikati u spjegati l-**artikoli 19 (1) (a) (c) (d) u (e) tal-Kap 255** citati mill-attur fic-citazzjoni tieghu."

"Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (e) tal-Kap 255** fejn l-attur qed jallega impotenza, u abbazi ta' l-istess huwa allega li huwa ma' huwiex il-missier ta' iben l-konvenuta Conrad; dan sostnieh adirittura anke fid-dikjarazzjoni tieghu annessa mac-citazzjoni attrici."

"Illi dwar dan din il-Qorti taghmel riferenza ghar-rapport peritali fil-kawza l-ohra Citaz. Numru 659/87 u ghar-rapport tal-periti addizzjonali datat 2 ta' Awissu 2000 fejn gie stabilit li l-probabilita' kbira wara t-testijiet xjentifici li saru anke fuq l-attur jindikaw li huwa l-missier naturali ta' l-imsemmi Conrad Cutajar bi probabilita' ta' aktar minn 99.99 %. Dan regha gie kkonfermat anke fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti f'dik il-kawza fl-ismijiet **"A vs B et"** datata 21 ta' Gunju 2002 (P.A. (F.D) u kkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Frar 2005 u allura din il-Qorti thoss li in vista tal-premess certament li l-azzjoni attrici abbazi ta' dak allegat mill-attur fuq il-bazi ta' l-impotenza tieghu ma' tistax tigi accettata u dan anke in vista tal-fatt ta' l-istess sentenzi li jikkonfermaw li huwa l-missier ta' l-istess persuna bin il-konvenuta."

"Illi dwar l-azzjoni tieghu ibbazata fuq l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** jidher li l-istess attur jibbaza l-allegazzjoni tieghu li huwa kien jibza' hafna minn missieru u jghid li kien ghalih huwa kien jizzewweg lil Marlene Camilleri, li maghha kien johrog ukoll qabel iz-zwieg, u liema relazzjoni ghadha sejra sa llum. L-attur jallega li huwa zzewweg lill-konvenuta biss ghaliex kien jibza' minn missieru u sabiex jipprova jikkonferma dan huwa ressaq ix-xhieda ta' l-istess Marlene Camilleri, ommha Georgina Camilleri, u certu Louis Bugeja u Emanuel Caruana, l-ahhar tnejn jghidu li l-attur kien qalilhom li huwa zzewweg lill-konvenuta biss ghaliex beza' u kien imgieghel jaghmel hekk minn missieru."

"Illi pero' kontra dan kollu hemm ix-xhieda ta' l-istess konvenuta li tisppjega li l-partijiet kienu ilhom jafu lil xuxlin minn meta l-attur kellu 17-il sena, kienu taghrsu wara sentejn u kien l-istess attur li ha hsieb jhallas ir-rigal tad-dar u jarma l-istess dar, u damu mal-hames snin johorgu flimkien qabel ma' zzewgu u mill-ewwel kienu ppruvaw ghat-tfal ghalkemm l-ewwel darba l-konvenuta korriet u it-tieni darba li inqabdet tqila kellha lill-imsemmi Conrad; tghid li kien biss meta t-tifel kellu hames snin u wara seba' snin ta' zwieg li l-attur beda bl-inkwiet ghaliex kien telaq mid-dar; fuq kollox pero' hemm ix-xhieda ta' Violet Cutajar, omm l-attur stess fejn tghid li l-ghazla li l-attur jizzewweg lill-konvenuta kienet kompletament tieghu u mhux biss qatt ma' saret pressjoni fuqu minn missieru, izda adirittura kien l-istess attur li kien herqan sew li jizzewweg lill-konvenuta u tikkonferma li l-istess koppja kienet ferhana anke wara z-zwieg ghalkemm sitt snin wara beda l-inkwiet ghaliex l-attur ried jitlaq mid-dar tal-konvenuta. Tghid l-istess omm l-attur stess li *"sakemm missieru kien ghadu haj, A qatt ma qalalna nkwiet, izda wara l-mewt ta' missieru, beda' jaqla' hafna inkwiet"."*

"Illi l-istess omm l-attur tghid hekk fl-affidavit taghha ta' l-1 ta' Ottubru 2003:-

*""nghid illi issa ilni hafna ma' nkellem u nara lil A ghal aktar minn sena. Jiddispjacini hafna li A tratta b'dan il-mod kemm lili li ghadni hajja u wisq aktar lill-memorja sabiha ta' zewgi li ghamel tant sagrificcji kbar ghalih u ghal ohtu. Lil A rabbejnieh b'ghozza kbira izda jiddispjacini nghid li A dejjem ghamel ta' rasu u qatt ma' ried jisma' la minni u lanqas minn missieru. Kieku kien minnu li A kien jibza' minn missieru, hu qatt ma' kien jasal biex jaqla' dan l-inkwiet kollu. Ibni qaghad jistenna lil missieru jmut biex ikun jista' jigdeb fuqhu b'dan il-mod"."*

"Illi ta' l-istess vina hija x-xhieda ta' oht l-attur innifsu Margaret Ciantar moghtija minnha fit-12 ta' Ottubru 2003 u dwar dan il-punt l-istess xhud tghid hekk:-

*"“Nghid illi hija zzewweg lil B ghax ried hu. A qatt ma’ kien sfurzat mill-familja biex jizzewweg. Qatt ma’ semma li kien interessat f’terza persuna. Kif seta’ xi hadd minn tal-familja jaghmel pressjoni fuqu meta f’ghajnejna kollox kien miexi normali! Tant A ried jizzewweg lil B b’rieda tajba, li gimgha biss qabel it-tieg tieghi kien qala’ argument mieghi ghax kien ippretenda li hu kellu jizzewweg qabli peress li kien gharus qabli. Niftakar li jiena tant kont hadtha bi kbira li kont lesta naghtih ir-rigal lura, izda kienet interveniet ommi u qaltilna biex ma’ naqilghux inkwiet bejnietna peress li kien wasal it-tieg tieghi”."*

"Illi apparti dan din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **“A vs B et”** datata 21 ta’ Gunju 2002 (P.A. (F.D) fejn inghad mill-istess Qorti *“illi ghalkemm l-attur jaghti stampa ta' zaghzugh imwerwer jekk mhux ukoll terrorizzat minn missieru li dejjem segwa mill-qrib il-hajja tax-xoghol u sentimentali tieghu, b'dana kollu huwa xejn ma ddejjaq li bejn l-engagement u t-tieg ikollu relazzjoni ma' mara ohra u ma' din…..”.* Fil-fatt fl-istess sentenza l-kredibilita’ ta’ l-attur giet attakata b’mod mill-iktar skjet u l-istess l-kredibilita’ tax-xhieda ta’ Marlene Camilleri fuq l-istess punt anke hawn ikkonsidrat (u in verita’ diversi punti ohra) li huwa ferm difficli li din il-Qorti ma’ taqbilx maghhom, anke in vista tax-xhieda tal-familjari ta’ l-attur stess. L-istess nuqqas ta’ kredibilita’ gie sostnuta mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-istess sentenza u din il-Qorti thoss li mill-provi kollha prodotti jidher car li dan il-bazi ta’ annullment ma’ gie mhux biss bl-ebda mod ippruvat, izda adiritttura gie ppruvat il-kuntrarju, b’dan li l-versjoni ta’ l-attur hija kontradetta b’kull mod possibbli u x-xhieda tieghu ma’ hijiex kredibbli lanqas dwar dan il-punt."

"Illi in kwantu din il-kawza hija bbazata fuq l-allegat ingann jew qerq tal-konvenuta li allegattament ivvizja l-kunsens ta’ l-attur, jinghad li dwar l-allegazzjonijiet ta’ l-istess attur dwar martu ma’ gew bl-ebda mod ippruvati – fuq kollox jirrizulta li kien l-istess attur li ngurja gravament lill-konvenuta, li akkuza mhux biss b’adulterju, izda wkoll li kellha relazzjonijiet ma’ missieru – allegazzjonijiet li din il-Qorti thoss li mhux biss ma’ huma bl-ebda mod

sostanzjati, izda adirittura abbusivi u ngurjuzi fil-konfront tal-konvenuta u ta’ missier l-attur stess, u din il-Qorti tirreferi ghal darba ohra ghal dak li gja inghad fl-istess sentenzi f’dan ir-rigward. Mill-provi prodotti jidher car li l-istess konvenuta kienet dejjem konxja ta’ l-obbligi taghha u fidila lejn zewgha u din il-Qorti minn ezami tal-provi prodotti jidher li bl-ebda mod qatt ma’ ingannat lill-attur. Anzi jidher li l-istess attur ammetta li ma’ kienx lejali mal-konvenuta, izda certament dan ma’ jwassalx sabiex it-talba tieghu tigi milqugha abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** ghaliex ma’ hemm l-ebda prova kwalunkwe li l-istess konvenuta b’xi mod remot ingannat lill-attur."

"Illi dwar l-ahhar artikolu citat mill-attur fejn jallega li l-konvenuta kellha nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u li allura l-kunsens taghha kien vizzjat b’dan il-mod, certament li l-provi prodotti huma fis-sens kuntrarju ghal dak allegat mill-attur. Din il-Qorti thoss li x-xhieda tieghu ma’ hijiex kredibbli u lanqas verosimili, u certament jista’ jinghad b’mod mill-iktar car li din il-Qorti thoss li l-istess attur bl-ebda mod ma’ pprova l-allegazzjonijiet tieghu fil-konfront tal-konvenuta, u certament li lanqas din il-premessa ma’ giet ppruvata minnu u ghalhekk jista’ jinghad li l-istess attur bl-ebda mod ma’ ssodisfa l-oneru tieghu."

Rat ir-rikors ta’ l-appell preżentat mill-attur fis-16 ta’ Novembru, 2005 li permezz tiegħu dana, għar-raġunijiet hemm indikati, talab li din il-Qorti tirrevoka din is-sentenza, u tiddikjara null u bla effett fil-liġi ż-żwieġ kuntrattat bejn il-kontendenti fis-27 ta’ April 1974;

Rat ir-risposta ta’ l-appellata minnha mressqa fl-24 ta’ Novembru, 2006, li biha, għar-raġunijiet hemm indikati, talbet li s-sentenza tiġi konfermata bl-ispejjeż, u inoltre l-appell odjern jiġi dikjarat wieħed fieragħ;

Rat id-Digriet mogħti minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-6 ta’ Marzu, 2007, li pprovda dwar l-eċċezzjoni tar-rikuża mqanqla mill-appellant;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni estensiva tal-avukati tal-partijiet;

***Ikkunsidrat:***

Illi fil-qosor il-fatti huma dawn. Il-kontendenti żżewġu fil-21 ta’ April 1974 meta allura l-appellant kellu 22 sena u l-appellata kellha 25 sena, u wara li kienu ilhom joħorġu flimkien madwar sitt [6] snin. Minn dan iż-żwieġ, wara li l-appellata ssubiet korriment [*miscarriage*], twieled it-tifel Conrad fil-15 ta’ Awissu 1976. F’Novembru 1981 l-appellant telaq mid-dar konjugali u fis-sena 1983 beda jokkoabita ma’ ċerta Marlene Camilleri.

Fis-sena 1987, ftit wara li huwa kien preżenta l-kawża odjerna, l-appellant istitwixxa kontra l-appellata u ibnu l-imsemmi Conrad Cutajar kawża ta’ de negata paternita’[1] quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fejn, *inter alia*, talab lil dik il-Qorti tiddikjara li hu ma kienx il-missier naturali tat-tifel Conrad “billi l-attur [l-appellant] ma setax ikollu tfal”; iżda permezz ta’ sentenza mogħtija fil-21 ta’ Ġunju 2002 dik il-Qorti ċaħdet it-talba tiegħu, liema sentenza ġiet in segwitu konfermata minn din il-Qorti b’sentenza mogħtija fis-17 ta’ Frar 2004, u wkoll b’ sentenza sussegwenti mogħtija fid-29 ta’ April 2005 li permezz tagħha din il-Qorti ċaħdet it-talba magħmula mill-appellant għar-ritrattazzjoni.

Illi l-appellant qed jibbaża l-appell tiegħu fuq erba’ aggravji.

[1] Illi f**l-ewwel aggravju** tiegħu l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin “kemm fattwalment u aktar u aktar legalment”, u dan peress li, skond hu, l-fatti li kellha quddiemha dik il-Qorti kellhom “inevitabbilment” iwasslu għall-konklużjoni li ż-żwieġ kien null. Huwa jisħaq li “il-fatti veri” joħorġu mhux biss mill-affidavit tiegħu iżda mill-affidavit ta’ “persuni barranin” filwaqt li l-appellata, allura konvenuta, “iffokat unikament biex tmeri dak li qal [appellant]”. Huwa jattribwixxi lill-

[1] Citazzjoni Numru: 659/87

appellata strateġija proċedurali meta għażlet li ma tagħmilx il-kontro-ezami lil Marlene Camilleri. Imbaghad kompla billi irriproduċa l-affidavit kollu tiegħu.

[2] Illi fi**t-tieni aggravju tieghu** l-appellant jsostni li l-fatti kif mistqarra minnu ġew "korroborati minn xhieda barranin" u li l-ewwel Qorti "kellha kwadru ċar quddiemha ta' żwieġ li ma setax ħlief kien null". In sostenn ta' dan huwa jressaq tlett fatturi: [a] li hu "kien kostrett minħabba pressjoni u minaċċi da parti ta' missieru biex jiżżewweġ lil Josephine" u għalhekk ma setax jidħol fi żwieġ validu magħha; [b] li waqt iċ-ċerimonja taż-żwieġ huwa kellu mara oħra f'moħħu li kien iħobb; u li fil-fatt għadu jikkoabita magħha; [ċ] li jsostni li huwa ma setax ikollu tfal sa minn żmien il-puberta', u "dan ma jħalli l-ebda dubju li huwa kien fl-impossibilita li jnissel tfal fid-data taż-żwieġ."

[3] Illi fi**t-tielet aggravju** l-appellant jilmenta mill-fatt li, rigward il-valutazzjoni tal-provi fuq il-kwistjoni ta' l-impotenza, l-ewwel Qorti "rreferiet esklusivament għar-riżultat tat-testijiet tad-DNA mingħajr ma rriferiet għal rapport mediku maħruġ minn speċjalista barrani, u li kien ġie esebit mill-attur f' dik il-kawża."

[4] Illi fi**r-raba' aggravju** tieghu l-appellant jilmenta mill-"valutazzjoni tal-provi in ġenerali" u jagħmel analiżi tal-provi mill-ottika tiegħu biex jipprova juri n-nuqqas ta' kredibilita' ta' ommu, Violet Cutajar, u oħtu, Margaret Ċiantar, li skond hu skjeraw irwieħhom kontra tiegħu u żgwidaw lill-ewwel Qorti. Huwa jsostni li ommu ġġieldet miegħu meta implika li Conrad ma kienx it-tifel tiegħu, iżda kien ħuh, u b'hekk offenda l-memorja ta' żewġha.

Inoltre, wara li jagħmel enfasi fuq il-fatt allegat minnu u mill-imsemmija Marlene Camilleri, li "**lejliet iż-żwieġ** u **l-għada taż-żwieġ** l-attur kien qed **jagħmel l-att taż-żwieġ** ma' Marlene Camilleri", jgħid li kien hemm biżżejjed provi biex l-ewwel Qorti "tikkonkludi li l-attur innifsu kellu nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju u li għalhekk ma setax jagħti kunsens validu biex jiġi perfezzjonat dan is-Sagrament – Kuntratt."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fl-ewwel lok huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet:

[a] Illi huwa risaput li, bħala regola ġenerali, din il-Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax leġġerment l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti u li hija tagħmel hekk biss jekk tkun konvinta li dak l-apprezzament huwa tant skorrett li jkun sejjer jirreka lil xi parti inġustizzja manifesta.

[b] Illi fl-att taċ-Ċitazzjoni l-appellant ibbaża t-talba tiegħu għal dikjarazzjoni ġudizzjali ta' nullita' taż-żwieġ fuq il-vizzju tal-kunsens matrimonjali "ta' l-attur" tal-paragrafi [a][ċ] u [e] ta' l-Artikolu 19[1] Kap. 255, u vizzju tal-kunsens matrimonjali "tal-konvenuta" fit-termini tal-paragrafi [d]. Dawn huma l-parametri ta' l-azzjoni ġudizzjarja promossa mill-attur.

Huwa fuq dawn il-parametri preċiżi li l-attur appellant għażel li jibni l-azzjoni tieghu: u huwa fuq dawn l-istess parametri li din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti qabilha, trid tqis iċ-ċirkostanzi partikolari u probatorji li jsawru l-każ u li tapplika għalihom l-liġi xierqa li tirregola ż-żwieġ tal-partijiet kontendenti.

Illi **rigward l-ewwel aggravju**, li permezz tiegħu l-appellant isostni b'mod ġenerali li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin fattwalment u "aktar u aktar" legalment, din il-Qorti tosserva li huwa naqas milli jispeċifika għal liema fatti u għal liema prinċipji ġuridiċi qed jirriferi u li, skond hu, ġew interpretati ħażin minn dik il-Qorti. Jidher mit-termini ta' l-istess aggravju, li l-appellant qed jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ma aċċettatx il-verżjoni tiegħu korroborata mill-ħabiba tiegħu Marlene Camilleri, u sa dan il-punt konfortata minn xhieda barranin; iżda li ma qalx l-appellant huwa li din il-verżjoni ġiet kontradetta sostanzjalment mix-xhieda ta' ommu Violet Cutajar, ta' oħtu Margaret miżżewwġa lil Vincent Ċiantar, u f'ċertu aspetti tagħha anke minn dan ta' l-aħħar. Mis-sentenza jirriżulta ċar li l-ewwel Qorti wiżnet ix-xhieda

kollha u waslet għall-konklużjoni tagħha, li ma taċċettax bħala attendibbli l-verżjoni ta' l-attur; u din il-Qorti, wara eżami tal-provi, mhux biss ma tarax raġuni valida fil-liġi għaliex hija għandha tiddisturba d-diskrezzjoni kif eserċitata mill-ewwel Qorti, iżda tikkondividi l-konklużjonijiet tagħha fuq bażi ta' verosimiljanza. Għaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

Illi **t-tieni aggravju** mhu xejn hlief kontinwazzjoni ta' l-ewwel aggravju, fejn l-appellant wara li jissottometti li l-ewwel Qorti "kellha kwadru ċar quddiemha ta' żwieġ li ma setax ħlief kien null", isemmi tlett fatturi in sostenn ta' din it-teżi tiegħu.

[a] Huwa jgħid li hu kien kostrett li jiżżewweġ lill-appellata minħabba pressjoni u minaċċi da parti ta' missieru, illum mejjet. In propositu l-Qorti tosserva li din il-kawżali, bażata fuq il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [a] ta' l-Att preċitat, hija l-pilastru ewlieni ta' l-azzjoni ta' l-attur.

In tema legali huwa relevanti dak osservat minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Frar, 2001, fil-kawża fl-ismijiet *Josette Spiteri vs George Spiteri*[2] b'referenza għall-esposizzjoni dottrinali magħmula fis-sentenza **PA Carmel Camilleri vs Teresa Camilleri* maqtugħa fit-3 ta' Ottubru 1995 li: *b*iex il-kunsens matrimonjali jkun ivvizjat bil-vjolenza jew bil-bizgħa fis-sens tal-liġi jeħtieġ li dik il-vjolenza jew biżgħa tkun tali li mhux biss akkumpanjat il-kunsens, izda **iddeterminat kompletament** l-għoti ta' dak il-kunsesns. "*Il matrimonio e' nullo se si celebra per timore, e non e' nullo se si celebra con timore* » [Bersini]. Il-biżgħa trid tkun ta' ċertu portata b'mod li tkun tista' tiddetermina kompletament l-għoti tal-kunsens. Jeħtieġ għalhekk li jiġu eżaminati l-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha, sew dawk li ppreċedew iż-żwieġ kif ukoll dawk aktar viċin u qrib id-data taż-żwieġ.

Illi fix-xhieda tiegħu l-appellant jallega li missieru kien "jitterroriżżah"[3] u hu kien "imwerwer" minnu. Huwa jsostni li, nonostante li, missieru kien jaf bir-relazzjoni doppja li

[2] Kollez. Vol: **LXXXV.ii.81**
[3] Fol.268

ibnu kellu ma' Marlene Camilleri waqt li kien għarus ma' l-appellata, dana xorta waħda ġiegħelu jiżżewweġ lil din billi kien heddu li jisparalu jew jaqtagħlu rasu. Din il-Qorti pero' tosserva li, għalkemm it-tesi ta' l-appellant dwar il-biżgħa li kellu minħabba missieru, ġiet korroborata mill-istess Marlene Camilleri, mill-banda l-oħra, din il-verżjoni tinsab sostanzjalment kontradetta minn ommu Violet Cutajar, minn oħtu Margaret Ċiantar, u anke mill-appellata; u għalhekk l-ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, u cioe' li ma hux minnu li l-kunsens matrimonjali ta' l-appellant kien vizzjat għax inkiseb bi "vjolenza morali u biżgħa" – konkluzjoni li din il-Qorti tikkondividi, anke tenut kont tal-fatt li, *dato ma non concesso*, li l-attur kellu relazzjoni doppja waqt li kien għarus ma' l-appellata, u li, skond kif xehed[4] l-istess attur, missieru kien konxju ta' dan il-fatt u kien kontra tiegħu, l-appellant xorta waħda għamel ta' rasu u kompla bir-relazzjoni ma' Marlene u ma jidhirx li la ta każ l-oppożizzjoni ta' missieru u wisq anqas beża' minnu. Dana jikkorrobora dak li qalet ommu fl-affidavit tagħha li " kull meta Carmel ried jaghmel xi ħaġa, kien ikun ċert minnha u kien jibqa' sakemm jieħu u jagħmel dak li jrid hu"[5].

[b] Illi rigward il-fattur l-ieħor indikat mill-appellant in sostenn ta' dan l-aggravju, u cioe' li waqt iċ-ċerimonja taż-żwieġ huwa kellu mara oħra f'moħħu li kien iħobb, il-Qorti tirrileva li din il-parti ta' l-aggravju ma tinkwadrax fl-ebda waħda mill-kawżalijiet li fuqhom huwa bbaża t-talba tiegħu.

[ċ] Illi rigward it-tielet fattur indikat mill-appellant, u cioe' li minn qabel iż-żwieġ huwa ma setax ikollu tfal, din il-Qorti tirrileva li, mir-riżultati tat-testijiet tad-DNA jirriżulta li t-tifel Conrad huwa il-wild naturali tiegħu u li dan il-fatt jinsab konfermat bis-sentenzi fuq ċitati, u għalhekk, din l-allegazzjoni ta' l-appellant tinsab kontradetta minn provi definittivi, li llum jagħmlu stat ukoll fil-konfront tal-appellant innifsu.

---

[4] Fol.268
[5] Fol.240

Inoltre, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, hija l-*impotentia coeundi* pre-eżistenti ż-żwieġ li twassal għan-nullita' tiegħu u mhux l-*impotentia generandi*. Jidher li l-appellant ma kkontestax dan il-kunċett kif spjegat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. In propositu jiġi osservat li l-Att numru XXXVII tas-sena 1975 [illum Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta], qabel ma ġie sussegwentement emendat, kien jikkontempla bħala wieħed mill-*capita nullitatis* l-isterilita' fl-allura paragrafu [ċ] ta' l-artikolu 19[1], "iżda biss jekk dak il-ħwiel ikun minħabba nuqqas ta' organu meħtieġ għall-ġenerazzjoni" u di piu' fis-sub inċiż [2] il-liġi kienet tistipula li f'dan il-każ iż-żwieġ seta' jiġi annullat biss "mill-parti l-oħra, u biss jekk ma kinitx taf b'dak in-nuqqas qabel iż-żwieġ." Bl-emendi sussegwenti tas-sena 1981 dan il-*caput nullitatis* tneħħa mill-leġislatur. Fi kliem ieħor, dik il-kawżali ma kinitx tagħmel parti mil-liġi applikabbli fl-ebda waqt li din il-kawża kienet qegħda tinstema'.

Mill-provi jirriżulta ċar li l-appellant ma kienx isofri mill-*impotentia coeundi*, tant li kemm qabel iż-żwieġ kif ukoll wara, huwa nnifsu jistqarr li kien ikollu x'jaqsam ma' l-appellata u di piu' kellu tifel minnha; u dan apparti mill-allegazzjoni tiegħu li, waqt l-għerusija, huwa kien ikollu x'jaqsam ukoll mal-ħabiba tiegħu Marlene Camilleri. Għalhekk anke dan l-aggravju huwa manifestament infondat.

[3] Illi rigward **<u>it-tielet aggravju</u>** li hu fis-sens li l-ewwel Qorti, filwaqt li rreferiet esklussivament għar-riżultati tat-testijiet tad-DNA, ma rriferietx għar-rapport mediku maħruġ minn Dr.Katz minnu indikat, din il-Qorti tirrileva fl-ewwel lok u fuq livell ġenerali, li l-fatt li Qorti ma tkunx irriferiet fis-sentenza tagħha għal xi element ta' prova, ma jfissirx neċessarjament li din ma tkunx ġiet ikkunsidrata u valutata qabel ma dik il-Qorti tkun waslet għall-ġudizzju tagħha. Fit-tieni lok, mis-sentenza in disamina jirriżulta ċar li l-ewwel Qorti rat ir-rapport in materja tal-periti perizjuri li, kif jirriżulta mis-sentenza fl-ismijiet *Carmel Cutajar vs Joseph Mary Cutajar et [Ċitazzjoni nru.659/87FD],*dan ir-rapport kien inġieb għall-konjizzjoni tal-periti perizjuri nominati minn dik il-Qorti. F'dik is-sentenza hemm espressament indikat li dik il-Qorti kienet

"assikurat li l-periti addizzjonali jkollhom ukoll quddiemhom dak kollu illi qal dan Dr.Katz." Għalhekk dan l-aggravju jirriżulta manifestament infondat.

[4] Illi fi**r-raba' aggravju** tiegħu l-appellant, jagħmel diversi sottomissjonijiet u allegazzjonijiet f'tentattiv li jiddiskredita l-kredibilita' ta' ommu u ta' ohtu bħala xiehda, liema xhieda l-ewwel Qorti kienet waslet għall-konklużjoni li tagħtihom affidament milli fuq dik imressqa mill-attur u l-ħabiba tiegħu. Fl-ewwel lok huwa jsostni li ommu kienet miġġielda ma' l-appellant meta semgħatu jgħid li Conrad ma setax kien ibnu iżda huwa ħuh. Il-Qorti tosserva li anke jekk dan huwa minnu u cioe' li ommu kienet ħadet għaliha bl-allegazzjoni ta' binha fil-konfront ta' missieru (żewġha), dan ma jwassalx neċessarjament għall-konklużjoni li ommu ma kinitx veritiera f'dak li qalet fix-xhieda tagħha. Inoltre, l-affermazzjoni ta' ommu fl-affidavit tagħha li "Ibni qagħad jistenna lil missieru jmut biex ikun jista' jigdeb fuqu b'dan il-mod" hija diretta għal din l-allegazzjoni ta' binha l-appellant, u mhux għall-inkwiet matrimonjali tiegħu ma' l-appellata. Apparti wkoll miċ-ċirkostanza li, bħala fatt kronoloġikament affermat, huwa tassew minnu li l-appellant fetaħ din il-kawża wara l-mewt ta' missieru li ġrat f'Jannar tal-1987[6].

Illi rigward Margaret Ċiantar l-appellant isostni biss li din kienet skjerat ma' ommha u mal-konvenuta, u jerġa' jirrileva l-fatt li la Marlene Camilleri u lanqas ix-xhud imressqa mill-attur ma kienu ġew kontro-eżaminati. Jerġa' jiġi ribadit li l-parti f'kawża għandha l-fakolta' u mhux l-obbligu li tagħmel kontro-eżami lix-xiehda mressqa mill-parti l-oħra, u la darba l-appellata kienet qed taġixxi fil-parametri tal-liġi proċedurali, mhuwiex sewwa li jsiru insinwazzjonijiet jew inferenzi dispreġġjattivi ta' xi aġir skorrett min-naħa tagħha. Wara kollox l-oneru tal-prova tal-fatt tirrisjedi fuq il-parti li tkun allegat l-istess fatt.

.

Illi fit-tieni lok, l-appellant jilmenta mill-fatt li, skond hu, l-ewwel Qorti, meta naqset li tagħtih affidament, kienet

[6] Affidavit tal-appellata, fol. 236

straħet fuq il-konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet magħmula mill-Qorti fis-sentenza *Carmel Cutajar vs Josephine Mary sive Josephine Cutjar et* mogħtija fil-21 ta' Ġunju 2002; u jsostni li "l-ġudizzju li sar fil-kawża l-oħra m'għandux **awtomatikament jiddetermina** l-ġudizzju f'din il-kawża" u jirrileva li fil-proċess odjern "hemm ferm aktar provi milli kien hemm fil-proċess l-ieħor.."

In propositu, din il-Qorti tirrileva li l-appellant mhuwiex korrett fl-allegazzjoni tiegħu li l-ewwel Qorti straħet awtomatikament fuq konklużjonijiet fattwali raġġunti minn Qorti oħra. Dan joħroġ ċar minn qari tas-sentenza fejn ġie trattat il-*caput nullitatis* kontemplat fl-Art.19[1][a], fejn l-ewwel Qorti, wara li semmiet dak li kien qed jallega l-appellant u x-xhieda tiegħu, irrilevat li dawn jinsabu kontradetti mill-konvenuta, minn ommu u anke minn oħtu; u dik il-Qorti, mhux biss ikkunsidrat ix-xhieda prodotti, iżda fl-istess sentenza indikat dettaljtament u anke kkwotat siltiet mill-affidavit tagħhom in sostenn tal-fatt li dak li kien qed jallega l-attur ma kellux mis-sewwa. Wara dan, u fi kliem l-istess Qorti "apparti dan" hija għamlet referenza għall-kawża fuq ċitata u kkwotat bran mis-sentenza mogħtija minnha. Minn dan jirriżulta ċar li r-referenza għall-kontenut ta' dik is-sentenza kienet biss waħda mill-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti wara li waslet għall-konklużjoni li "mill-provi kollha prodotti jidher ċar li dan il-bażi ta' annullament ma ġie mhux biss bl-ebda mod provat, iżda addirittura ġie ppruvat il-kuntrarju, b'dan li l-verżjoni tal-attur hija kontradetta b'kull mod possibbli.."[7]

Illi fit-tielet lok, l-appellant jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ma tatux kredibilita' meta huwa jgħid li "mhuwiex wieħed li jiġri man-nisa", għandu impieg fl-lukanda kbira, u huwa raġel li mid-dar għax-xogħol u mix-xogħol għad-dar; kif ukoll li kien fdat mis-superjuri tiegħu fil-Korp tal-Pulizija. In propositu l-Qorti, filwaqt li tosserva li hija fid-diskrezzjoni tal-ġudikant li jiddeċiedi liema verżjoni jaċċetta, u lil min mix-xhieda jemmen u lil min ma jemminx, tosserva wkoll li l-kwalifiki indikati minnu ma jwasslux neċessarjament

[7] fol.319 –sottolinear ta' din il-Qorti

għall-konklużjoni li l-appellant huwa bniedem li f'kull okkażjoni jgħid il-verita'; *multo magis* meta skond il-verżjoni tiegħu stess, huwa kellu relazzjoni doppja kemm matul l-għerusija ma' l-appellata kif ukoll fl-ewwel snin taż-żwieġ, bir-riżultat li nganna għal ċertu perjodu tnejn min-nies u lagħab bis-sentimenti u bl-emozzjonijiet tagħhom kif qabel lilu, u di piu' kellu x'jaqsam magħhom it-tnejn sesswalment! Jekk dan kien minnu, l-ewwel Qorti kienet iżjed korretta meta ma tatux affidament, u minflok, tat affidament lill-konvenuta, lil ommu u lil oħtu, li ma ngannaw lil ħadd u li mill-provi ma jirriżultax fil-konfront tagħhom komportament ċensurabbli. Għaldaqstant anke dan l-aggravju huwa infondat.

Illi fl-aħħarnett, jiġi ribadit li anke jekk huwa minnu li fil-mument tal-kunsens matrimonjali tiegħu huwa kellu f'moħħu lill-ħabiba tiegħu li lejliet iż-żwieġ huwa kellu x'jaqsam magħha sesswalment, dan il-fatt ma jinkwadra fl-ebda wieħed mill-kawżali proposti minnu. L-istess jinghad għall-asserzjoni ta' l-appellant li huwa "kellu nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa". Kif fuq ġja premess, l-azzjoni ġudizzjarja proposta mill-attur għandha l-parametri tagħha delinejati u delimitati mit-talba u mill-kawżali li fuqhom qed jibbaża l-istess talba. Għaldaqstant fin-nuqqas ta' kawżali bażata fuq il-paragrafu [f] ta' l-artikolu preċitat, u fuq il-kawżali bażata fuq il-paragrafu [d] da parti ta' l-attur appellant, dan l-aggravju qed jiġi skartat.

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tiċħdu u billi tikkonferma f'kollox is-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza jiġu sopportati kollha mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------